# IS-SERVIZZ TELEFONIKU F'PAJJIŻNA

Kumdità li llum qajla nitkellmu fuqha minħabba t-telefonija ċellulari hi l-ewwel servizz tat-telefonija bil-fil. Forsi ftit jafu li t-telefown f'Malta kien inawgurat f'Marzu tal-1882 u dak iż-żmien kien jitħaddem bil-'magneto', jiġifieri ġeneratur tal-elettriku baxx li jitħaddem bl-idejn. L-ewwel uffiċċji kienu jinsabu f'36, Strada Federiku, qrib fejn illum insibu l-knisja Griega tal-Ortodossi fil-Belt Valletta. Għal dan it-tagħrif tkellimt ma' Anthony Griscti, eks inġinier f'bosta sezzjonijiet, li xi snin ilu ħareġ ktieb ukoll fuq dan is-suġġett.

Minn **CHARLES B. SPITERI**


Switchboard antik tat-telefown

**Anthony, min kien li inawgura s-sistema tat-telefown f'pajjiżna u fejn insibu li kienu installati l-ewwel telefowns?**

Is-sistema kienet inawgurata mill-Kavallier Eduardo Rosenbuck tal-Compagnie Generale Des Telephone. Insibu li fit-30 ta' Marzu tal-1882, il-Gvern kien ta ordni biex jitwaħħal telefown fl-għases tal-Belt, fit-turretta tal-Palazz, fid-Dwana, fl-imħażen ta' Pintu l-Furjana, fil-ħabs u f'ċerti għases oħra tal-pulizija.

**Liema kienu dawn l-għases li gawdew minn dan is-servizz?**

Insibu l-Għassa tal-Ħamrun, ta' Tas-Sliema, ta' Bormla, tal-Isla u tal-Birgu.

**Minn meta ġiet inawgurata l-kumpanija kien hemm xi amalgamar ta' xi kumpaniji u titjib fis-servizz?**

Is-sħubija nsibuha tliet snin wara l-inawgurazzjoni u saret mal-Melita Telephone Company, li kellha l-uffiċċji tagħha f'numru 288 Strada Rjali, il-Belt ukoll. Il-popolarità u l-ħtieġa tat-telefonija wasslet biex għall-ħabta tas-sena 1897, il-Gvern ta l-permess biex il-pubbliku seta' juża t-telefown mill-għases li kellhom dan is-servizz.

**Għat-telefonati kien ikun hemm xi dritt għall-ħlas?**

Mill-Għases tal-Belt, ta' Bormla, tal-Furjana, tal-Ħamrun u ta' Tas-Sliema, il-pubbliku kien iħallas tliet soldi (tliet ċenteżmi tal-lum) għal kull sejħa. Mill-Għases ta' Bormla, tal-Isla u tal-Birgu, il-ħlas kien ta' sitt soldi. Apparti minn hekk, mill-ħamsa ta' filgħaxija sad-disgħa ta' billejl ma kinux jitħallew isiru telefonati li mhumiex urġenti u l-ħlas għalihom kien ikun doppju.

**Naturalment għall-bidu tat-telefonija f'pajjiżna, is-servizz kien jitqies bħala lussu, mhux hekk?**

Żgur li dam meqjus hekk sal-Ewwel Gwerra Dinjija, jiġifieri sal-1917, u ftit kienu dawk li kellhom is-servizz. Barra d-Dipartimenti tal-Gvern, banek, negozjanti u professjonisti, insibu li kien hemm xi każini.

**Niltaqgħu ma' ismijiet ta' nies li kienu jaħdmu fil-bidu tal-kumpanija? U xi kemm-il linja tat-telefown kien hawn Malta?**

Minn tal-bidu nsibu li kien hemm Ġużeppi Saliba, foreman Għawdxi, u Manwel Mallia, Grezzju Pace u Ġorġ Ciantar, Maltin jaħdmu fil-maħżen.

Bħala kapaċità, għall-ħabta tal-1930, it-Telephone Exchange li kien jinsab fi 3, Strada Forni kantuniera ma' Strada Mezzodi, kellu 400 linja. Kien Exchange ġdid li kien inawgurat minn Edwin Vassallo, il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, bl-ewwel maniġer tiegħu Gatt Rutter.

Meta għalaq il-kuntratt tal-Melita Telephone Company fl-1933, il-Gvern tal-ġurnata għamel kuntatt mad-ditta Siemens ta' Londra għal kwotazzjoni ta' Telephone Exchange tat-tip Central Battery; batterija ta' 40 volt. L-exchange kellu jkollu kapaċità ta' 2,000 linja: jibda bi 800 u jkun ipprovdut b'tagħmir multipliku għal kapaċità massima ta' 2,000 linja.

Fl-istess kuntratt, id-ditta Siemens intrabtet li twassal il-cables li jkopru sa tliet mili 'l barra mill-Exchange tal-Belt.

**F'dan il-perijodu t-Telephone Exchange ried ikollu l-uffiċjali fl-amministrazzjoni fil-qasam tekniku. X'salarji kienu jingħataw?**

Iva, is-Senior Engineer kien is-Sur Anthony Attard minn Ħ'Attard, li kellu salarju ta' £600 fis-sena (relattivi għal € 706 tal-lum). Kellu l-uffiċċju tiegħu fi Strada Rjali l-Belt, taħt it-Teatru Rjal, fejn wara kien hemm banka tal-lottu. Minn hemm, l-uffiċċju tiegħu ġie trasferit f'Vincenti Building u kellu n-numru tat-telefown tiegħu 4330.

Fl-istess bini kien hemm ukoll l-uffiċċju tas-Sur Anthony Barbara minn Ħaż-Żabbar. Fl-1950 kiseb il-grad ta' inġinier u kellu salarju ta' £540 fis-sena (li huma €635). Anki dan kellu telefown, bin-numru 4048. Kien hemm ukoll l-Inġinier Emmanuel Zammit mill-Ħamrun, li kien imexxi s-sezzjonijiet tal-cables u tal-linji. Dan irtira kmieni mix-xogħol u floku, fl-1938 daħal is-Sur Anthony J. Fenech minn Tas-Sliema bl-istess salarju.

**Meta nistgħu ngħidu li ntlaħqet il-kapaċità sħiħa?**

Kien fl-1936. Il-Valletta Civil Telephone Exchange beda jkun imħaddem lejl u nhar bl-operaturi. F'dak iż-żmien bdew jitwaħħlu wkoll kjoskijiet (telephone booths) fil-beraħ, għall-użu tal-pubbliku.

Minbarra hekk, bejn l-1936 u l-1938 tkabbru l-erba' Telephone Exchanges bis-sistema Central Battery (CB), li kienu ta' Tas-Sliema, bi 800 linja u b'kapaċità sa 3,300 linja; ta' San Pawl il-Baħar, b'100 linja u b'kapaċità sa 300 linja; tar-Rabat, b'100 linja għal kapaċità sa 440 linja u ta' Għawdex, minn 120 linja għal kapaċità massima ta' 400 linja.

Dawn l-Exchanges kienu mqabbda mal-Valletta Exchange.

**Mela kemm konna nsibu Exchanges u fejn kienu?**

Kien hemm dak magħruf bħala s-Sliema Telephone Exchange; dak ta' San Pawl il-Baħar; ieħor fir-Rabat Malta u fergħa f'Għawdex. Fl-1936 l-ewwel exchange kien jitħaddem minn Triq Parisio. Ta' San Pawl il-Baħar kien fit-torri ta' Wignacourt, li magħqudin miegħu kien hemm l-Għases tal-Pulizija tal-lokal, tal-Mellieħa, tal-Imġarr u tal-Imtarfa.

L-Exchange tar-Rabat kien fl-Old Connaught Hospital fi Triq l-Iskola, sewwasew kif tispiċċa t-telgħa tas-Saqqajja. Fl-1937, dan kien trasferit fi Triq Zondadari.

Ta' Għawdex, li kien proprjetà tal-familja Caruana mill-Belt, kien f'Via Ringa, fi Pjazza San Franġisk, kantuniera ma' Triq l-Isptar l-Antik, fir-Rabat.

**Naturalment l-Ewwel Gwerra Dinjija ppreżentat periklu għas-sistema tat-telefonija. X'sar biex jilqgħu għal dan, anki għat-Tieni Gwerra?**

Fl-1939 inbeda xogħol fuq il-Valletta Emergency Exchange (VEX), li kellu jkun f'post protett mill-attakki tal-għadu. Għalhekk intgħażlet il-mina bejn il-Bombi u l-Belt. Din il-mina kienet tintuża mill-Ferrovija bejn l-1883 u l-1931.

Kif juri l-isem, dan l-Exchange kellu fuqu dawk il-linji ta' Emerġenza, linji importanti bħal-linji tal-Air Raid Warning Sirens, l-Għases tal-Pulizija, tar-Rediffusion, l-Isptar u linji sigrieti mal-Control Room ta' *Lascaris* u d-Depot tal-Pulizija f'Santa Venera.

**Madankollu, kien hemm xi Exchanges li ntlaqtu mill-bombi tal-għadu?**

Waqt attakk mill-ajru f'April tal-1942, meta kien iġġarraf ukoll it-Teatru Rjal, intlaqat l-Exchange tal-Belt. Dan kompla aċċerta li l-Exchange ma kienx iktar postu fil-Belt. Għalhekk ġe trasferit malajr fil-Bombi, fejn il-post issemma Central Telephone Exchange. L-apparat milqut, issewwa bl-aħjar mod mill-fdalijiet ta' apparat eqdem u l-ħidma tkompliet anki matul l-iljieli.

Iżda kien żmien diffiċli, għax spare parts ma kinux possibbli li jiġu ordnati jew jitwasslu fi żmien il-gwerra.

**Allura meta l-pubbliku ma kellux telefown fid-dar, kif kienu jitwasslulu l-messaġġi?**

Kien hemm is-sessjoni magħrufa bħala Call Office, li kienet tieħu ħsieb tirċievi u tqassam messaġġi bl-idejn lejn il-lokalitajiet mitluba. Għal dan ix-xogħol, il-ħaddiema kienu jingħdew bir-roti.

Żewġ persunaġġi magħrufin li kienu jwettqu din il-ħidma kienu Oreste Kirkop, li aktar tard għamel karriera brillanti fl-opra u numru ta' films taċ-ċinema, fosthom *The Vag-*

*abond King*, Frank Kirkop, ħu Oreste u Lino Grech, li wkoll għamel karriera mill-isbaħ bil-kitbiet ta' drammi mill-aqwa għat-televixin.

**Xi snin wara kien inbena s-Central Telephone Exchange tal-Marsa. Xi tgħidilna fuqu?**

Dak kien fil-bidu tal-Blata l-Bajda, sewwasew fil-bidu ta' Spencer Hill. Ix-xogħol fuqu nbeda għall-ħabta tal-1950 u meta nbena, intuża bħala skola primarja tas-subien, sakemm tlestiet dik tal-Marsa. Ftit wara beda x-xogħol tal-ewwel Exchange awtomatiku għal Malta, sistema Strowger fl-ewwel sular fl-1955.

10 snin wara, Malta esperjenzat tibdil kbir fl-oqsma kollha tal-ħajja. Bdew jintlaqgħu ħafna ħaddiema ġodda fl-industriji eżistenti, f'dawk ġodda u bdew jinħolqu opportunitajiet għal dawk il-ħaddiema li bdew jitilfu l-impjieg tagħhom bir-run-down tas-servizzi Ingliżi.

**Meta nħarsu lejn it-telefonija għal Għawdex, kien hemm xi problemi?**

Għall-bidu t-telefonati bejn iż-żewġ gżejjer kienu għadhom jitwasslu bis-Submarine Cable li tqiegħed fl-1936. Iżda beda jġarrab ħsarat spissi, għax huma diffiċli biex jissewwew u jridu jsiru tħejjijiet speċjali għalihom. Terġa' l-kundizzjonijiet tat-temp kienu jkomplu jżidu mal-problema. Għalhekk kienu jsiru arranġamenti mal-Forzi Armati biex jipprovdu servizz ta' emerġenza permezz ta' Two-Way Radio System.

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi saru tħejjijiet biex isir Microwave Radio Telephone Link bejn in-Naxxar u l-Katidral tar-Rabat Għawdex, biex tingħeleb il-problema. Din kienet l-aħjar soluzzjoni u l-aktar ekonomika milli jitqiegħed Submarine Cable taħt il-baħar. Il-Microwave Radio Telephone Link kienet inawgurata fit-28 ta' Mejju, 1962.

**X'tista' tgħidli fuq l-Exchanges awtomatiċi?**

L-ewwel Exchange kien dak fi Spencer Hill, Blata l-Bajda b'kapaċità ta' 7,000 linja mill-Kumpanija Standard & Telephone Co, Uk., sistema Strowger. Dan kien inawgurat fis-26 ta' Ottubru 1957. Wara daħal l-Exchange ta' Tas-Sliema u ġie inawgurat fit-30 ta' Marzu tal-1963. Fl-istess sena daħlu fis-servizz erba' Exchanges awtomatiċi, li kienu Satellite Exchanges, jew Remote Exchanges, li kienu: fix-Xemxija; fil-Bajja s-Sabiħa f'Birżebbuġa; fi Triq it-Tiġrija r-Rabat Għawdex u fl-annex tal-Mużew tal-Istorja, fl-Imdina.



Bini użat għat-telefown fi Triq Parisio Tas-Sliema

Fit-18 ta' Settembru 1963 tqiegħed is-Submarine Cable mid-Ditta Pirelli bejn il-Marfa, Kemmuna u l-Qala, Għawdex, b'tul ta' 8.479 pied. Hu tpoġġa bħala back-up tal-Microwave Radio Telephone Link u kompla jsaħħaħ il-kontinwità tas-servizz bejn il-gżejjer.

**Meta nistgħu ngħidu li t-telefonija nfirxet l-aktar?**

Mal-kisba tal-Indipendenza, f'Settembru 1964, Malta daħlet f'rivoluzzjoni qawwija ta' żvilupp fl-oqsma kollha tal-ħajja. Kienu proġettati żoni industrijali fil-Marsa; f'Bulebel; fiż-Żejtun u fix-Xewkija, Għawdex. Dawn iż-żoni industrijali kienu jinħtieġu żvilupp enormi fl-infrastruttura tal-pajjiż għas-servizz tal-enerġija elettrika, tal-ilma, telefonija, drenaġġ u oħrajn awżiljarji biex jagħtu l-ħajja lill-fabbriki. Dawn kienu essenzjalment importanti ħafna biex joħolqu wkoll l-impjiegi.

Tfaċċaw ukoll lukandi ġodda, bini għan-negozji, appartamenti, djar, mollijiet għall-jottijiet, ristoranti u bini ieħor. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għas-servizzi kienet ta' natura urġenti.

Bħal kull azjenda oħra, id-Dipartiment tal-Posta u t-Telefown ħejja pjan ta' żvilupp ta' ħames snin biex jifrex l-infrastruttura ma' Malta u Għawdex f'dan il-qasam, sa fejn kien finanzjarjament possibbli.

**Jiġifieri kien dan l-iżvilupp qawwi li wassal għall-Exchange ta' Birkirkara?**

Hekk hu. Fil-bidu tal-1964 inħass il-bżonn li jitwaqqaf dak l-Exchange, biex jilħaq għat-talba li bdiet tikber b'mod mgħaġġel. Dan l-Exchange kellu jilħaq il-bliet ta' Ħal Qormi, Birkirkara, l-Imrieħel, in-Naxxar, San Pawl tat-Tarġa, Ħal Balzan, Ħal Lija, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ, jiġifieri l-parti ta' fuq ta' Malta u b'hekk iserraħ lill-Exchange tal-Marsa.

**U kif twieldet il-Korporazzjoni Telemalta?**

Il-Korporazzjoni twaqqfet fl-24 ta' Ġunju 1975, biex tipprovdi u tħaddem servizzi tat-telekomunikazzjoni fil-Gżejjer Maltin li kienu jinkludu dawk nazzjonali, internazzjonali, il-Maritime Radio Service u telegrafija (eks Cable & Wireless Company), servizzi tat-trażmissjoni tat-televixin u radju, u Xandir Malta (eks kumpanija tar-Rediffusion).

**Kemm nistgħu ngħidu li kibret il-kapaċità biex tlaħħaq mad-domanda għat-telefowns, li baqgħet tikber?**

Fl-1974 saru żewġ kuntratti biex ikunu pprovduti 26,000 linja tat-telefown ġdida f'diversi lokalitajiet biex kien hawn 74,000 linja tat-telefown.

F'Ottubru tal-1990 sar it-tieni kuntratt li jipprovdi 85,000 linja addizzjonali.

**Liema taħseb kienet l-ikbar sfida għat-telefonija Maltija?**

L-akbar li nara jien kienet meta ġie inawgurat l-International National Exchange diġitali, fl-Exchange ta' Birkirkara.

Permezz ta' dan l-iżvilupp stajna nilqgħu ż-żjara tal-President Amerikan George Bush u l-President tal-Unjoni Sovjetika Michael Gorbachev fl-1989.

Għal dak is-summit sar cable tat-telefown dirett għas-sala tal-konferenzi Dar il-Mediterran u kien installat exchange żgħir (PABX) għal dan l-iskop. Kien ipprovdut Information Desk, servizz ta' fotokopji u numru ta' ħaddiema tat-Telemalta mħarrġa biex kienu ta' għajnuna fejn ikun meħtieġ. Tajjeb insemmi li għal din il-Konferenza kienu ġew Malta xi elf ġurnalist u rapporteurs minn madwar id-dinja.

Imbagħad, fil-11 ta' Mejju, 1990 tfaċċa avveniment storiku ieħor ta' importanza – l-ewwel żjara ta' Papa f'Malta, fejn għat-tieni darba Malta ħarġet bl-unuri bil-preparamenti li tħejjew.

Wara l-ftuħ tal-International Telephone Exchange, f'Ottubru 1989, il-Proġett tal-Overlay Network tad-digital exchanges, baqa' miexi skont l-iskeda tal-programm għal 74,000 linja ġdida.

**Finalment, bdejna bis-sistema ċellulari f'pajjiżna li nemmen li rrivoluzzjonat xi ftit it-telefonija fostna. Xi tgħid?**

L-ewwel sistema ċellulari għal Malta kienet dik ta' Racal/Telemalta, joint venture taħt l-isem TELECELL, fl-1990 b'kapaċità ta' 60,000 linja għal Malta, Għawdex, Kemmuna u 16-il km 'il barra mill-kosta għall-baħħara. Wara, il-Maltacom waqqfet sistema ta' Mobile Network għal Malta u Għawdex fis-sena 2000, b'kumpanija sussidjarja Mobisle Communications Ltd mill-kumpanija Nortell tal-Kanada.

Disa' snin wara, il-kumpanija Vodafone daħlet għal proġett biex tpoġġi Fibre Optic Submarine Cable bejn Malta u Katanja għall-mobile network tagħhom, b'cable ta' 250 kilometru tul.

Fl-2005 il-kumpanija GO plc żiedet il-kapaċità tat-telekomunikazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk tqiegħed Fibre Optic Submarine Cable bejn il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar u Mazara del Vallo fi Trapani, Sqallija, b'distanza ta' 290 km.

Ta' min isemmi li f'Ġunju 2007, il-Gvern biegħ 60% tal-ishma lill-kumpanija sussidjarja Tecom Investments. L-ishma l-oħrajn baqgħu għand il-ħaddiema u l-pubbliku Malti.

**"Waqt attakk mill-ajru f'April tal-1942, meta kien iġġarraf ukoll it-Teatru Rjal, intlaqat l-Exchange tal-Belt. Dan kompla aċċerta li l-Exchange ma kienx iktar postu fil-Belt. Għalhekk ġie trasferit malajr fil-Bombi, fejn il-post issemma Central Telephone Exchange**